MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 1949/2013/1

**Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1949/13 LSO fl-ismijiet:-**

**Malta Union of Bank Employees**

**vs**

**Bank of Valletta plc**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors promotorju tal-Malta Union of Bankersipprezentat fit-30 ta' Dicembru 2013.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat ukoll l-20 ta' Dicembru 2013 fejn laqghet it-talbiet provvizorjament kif ukoll appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar il-21 ta' Jannar

2014 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Bank intimat li ma kinetx inserita fl-atti fil-jum tat-trattazzjoni u giet inserita wara u jirrizulta li gietipprezentata fit-terminu moghti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru l-Avukati Paul Lia ghar-rikorrenti, u Ian Spiteri Bailey ghall-Bank intimat. Huma qablu li l-proceduri kellhom jissokktaw minkejja li r-risposta tal-intimat ma kinetx fl-atti u l-istess difensur tal-Bank ta spjegazzjoni estensiva tal-pozizzjoni tal-intimat.

Rat li bl-istess verbal id-difensuri tal-partijiet kellhom jesebixxu b'nota bil-*visto* tal-kontro-parti d-dokumenti relattivi ghall-kaz fi zmien 48 siegha mill-istess data.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti u semghet lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw ir-rikors estensivament.

Ir-rikors gie differit ghall-digriet *in camera.*

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

**Ikkonsidrat** li l-Union rikorrenti (MUBE) qed titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Bank of Valletta plc (BOV), sabiex dan jinzamm milli jinnegozja mal-General Workers Union (GWU) Ftehim Kollettiv gdid ghall-haddiema tal-istess bank fil-gradi Manigerjali u Klerikali, jew b'kull mod ibiddel il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-haddiema f'dawn il-gradi.

Illi jirrizulta li r-rikors odjern gie pprezentat fil-mori ta' proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali bejn il-kontendenti, u l-Union jishaq li "*l-MUBE ghandu interess li l-BOV jigi inibit milli jinnegozja mal-GWU fuq ftehim kollettiv u li jinzamm l-istatus quo sakemm jigu decizi finalment il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali."*

Il-Bank intimat oppona ghat-talba u sostna li ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat odjern skont il-

Ligi. Jghid li l-Bank talab lill-Union biex taghti prova biex jissostanzja l-allegat maggoranza tieghu izda l-Union naqqset li tikkoopera (**DOK BOV3)**.[1] L-istess Bank qed jistrieh fuq **l-artikolu 3** tal-Ftehim Kollettiv vigenti li jghid hekk:

"*The Bank shall reserve the right to withdraw recognition of these categories of employees if the fully paid membership of the Union should fall below 50% plus one of the number of employees in the above referred to categories registered in the Books of the Bank."*

Ghaldaqstant il-Bank isostni li agixxa pjenament *entro* l-parametri tal-Ftehim Kollettiv meta irtira r-rikonoxximent tal-Union rikorrenti peress li qed jistrieh fuq verifika tal-'*fully paid membership'* tal-haddiema relattivi ma' Union ghall-iskop ta' gharfien. "*Sakemm la l-GWU u lanqas l-MUBE ma kellhom maggoranza assoluta - allura l-Bank ma ta rikonoxximent lil hadd minnhom. Imma una volta illi rrizulta li Union minnhom, ossia l-GWU kellha l-maggoranza assoluta (50%+1) - allura kien legittimu l-Bank esponent li jaghti gharfien lill-imsemmija Union."*[2]

Il-vertenza li tat lok ghal dawn il-proceduri bdiet mit-talba mressqa mill-GWU sussegwenti ghall-ahhar elezzjoni generali, sabiex tigi rikonoxxuta bhala l-union li ghandha d-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fis-setturi imsemmija. Sa dak iz-zmien kienet l-MUBE li kienet l-union hekk rikonoxxuta u difatti kienet iffirmat il-Ftehim Kollettiv vigenti f'isem u in rapprezentanza tal-haddiema fil-gradi Manigerjali u Klerikali tal-BOV plc.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-Ftehim Kollettiv vigenti kellu jiskadi fl-ahhar tas-sena 2013 izda *ai termini* tal-artikolu 4 tal-istess, dan il-Ftehim jibqa' *in vigore* sakemm jigi iffirmat ftehim gdid.

## **III DRITT**

[1] Anness mar-risposta tal-Bank.
[2] Para 2.6. Risposta tal-Bank intimat.

Illi l-procedura ittentata mir-rikorrenti hija bbazata fuq **l-Artikolu 873 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li fis-sub-artikolu 2 is-segwenti:

"*Il-Qorti m' ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex iharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*"

Illi l-ghan tat-talba odjerna ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija li zzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat, u ghal dan il-ghan ir-rikorrenti jrid jipprova li mad-daqqa t'ghajn (*prima facie*) huwa ghandu dan il-jedd, u li tali mandat huwa mehtieg sabiex jitharrsu l-jeddijiet tieghu (**artikolu 873 (1) tal-Kap. 12 – "Mary Borg vs Il-Kummissarju tal-Artijiet" –** P.A. (JRM) – 15 ta' Dicembru 2008; **"The Golden Shephard Group Limited vs Enemalta Corporation"** (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009). Din hija mizura ta' natura eccezzjonali (**"Grech proprio et nomine vs Manfre"** – A.C. – 14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290), b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem (**"40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita' tal-Ippjanar"** (P.A. (RCP) - 2 ta' Novembru 2010).

Illi ghalhekk jidher car li l-elementi rikjesti sabiex jigi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma anke skont is-sentenza "**Giacomo Galea vs Pio Bezzina"** (A.C. 5 ta' Awwissu 1954) u **"Id-Direttur tal-Kuntratti et vs George Xuereb"** (K.G.V. 14 ta' Gunju 1995) huma : -

(a) Illi jkun jidher *"prima facie"* li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li biha jista' jirrekalu hsara jew molestja;

(b) Id-dritt huwa necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliciment biex jigu evitati danni, li jistghu dejjem jigu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni *ad hoc*, u dan kif gie wkoll stabbilit bid-decizzjonijiet **"Angelo Xuereb nomine vs Marin Hili"** (K. (N.A.) 22 ta'

Settembru 1995) **“Freeport Terminal p.l.c. vs Union Haddiema Maghqudin”** (P.A. (RCP) 2 ta’ Frar 1999).

Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi.

Illi minn dan jidher li l-procedura bil-mandat ta’ inibizzjoni hija wahda ta’ natura eccezzjonali u l-Qorti fil-konsiderazzjoni tal-istess ghandha tiddeciedi mhux il-mertu tal-kwistjoni, izda biss fuq bazi ta’ *prima facie* u dan stabbilit b’mod oggettiv; li l-intimat ikun qed jaghmel atti li qed jikkawzaw hsara lir-rikorrenti, u jekk ma jinharigx tali mandat id-drittijiet tar-rikorrenti jigu rrimedjabbilment pregudikati (**“Antonio Ruggier vs Milica Micovic”** (P.A. (RCP) – 10 ta’ Gunju 2008).

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

## IV APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI LEGALI GHALL-FATTI

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti hi tal-fehma li l-Union rikorrenti irnexxielha tipprova *prima facie* l-jedd taghha biex titlob il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna kif ukoll li tista' ssofri pregudizzju irrimedjabbli jekk it-talba taghha tigi respinta.

Ikkonsidrat li bl-ittra **(DOK A)** datata l-31 ta' Lulju 2013, il-BOV informa lill-MUBE li kellu l-hsieb li jaghti r-rikonoxximent wahdieni lill-GWU u "*Depending on the outcome of this exercise the Bank will recognise the Union with the* <u>*relative*</u> *majority of members as sole*

*representative of the Bank's employees."* (enfasi tal-Qorti).

Sussegwentement saru laqghat ta' konciljazzjoni bil-ghan li jinstab metodu accettabbli msejha mid-Direttur tad-Dipartiment tal-*Industrial and Employment Relations* dwar kif ghanda ssir il-verifika ta' shubija izda l-Bank unilateralment iddecieda li jirtira l-gharfien tal-MUBE bhala l-Union rapprezentanti tal-Haddiema fis-setturi msemmija (Ara l-ewwel ittra **DOK C** datata s-17 ta' Settembru 2013) *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Ftehim Kollettiv. B'ittra ohra datata s-27 ta' Dicembru 2013 (**DOK D**) il-BOV, informa lill-MUBE li l-GWU pproduca prova sufficjenti li huma jirrapprezentaw il-maggoranza assoluta tal-haddiema fil-gradi imsemmija u li "*We are therefore granting sole recognition to the GWU's Professionals, Finance and Services Section to represent the clerical and managerial staff of the Bank in these grades for collective bargaining purposes with immediate effect."*

Din l-ahhar ittra intbaghtet pendenti proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali li gew istitwiti rispettivament mill-MUBE ("***MUBE v BOV"*** - Kaz Nru. 3172/HW[3]) u mill-istess BOV ("***BOV plc v MUBE u GWU"*** - Kaz. Nru. 3173/CCG)[4].

Id-difensur tal-Bank sostna li l-intimat kien inkariga lin-Nutar Katrin Bartolo bhala '*independent verifier*' u esebixxa r-rapport taghha (**DOK BOV 7**). Il-Qorti rat dan ir-rapport li jikkonsisti biss fi stqarrija min-Nutar Bartolo li l-GWU ghadda fil-prezenza taghha prova lir-rapprezentant tal- Bank intimat in sostenn tal-pretensjoni li tirrapprezenta l-maggoranza assoluta tal-haddiema fil-gradi mertu ta' din it-tilwima. Hi tghid li "*the evidence was exhibited by the Union to the Bank in my presence and that the declarations made by the Parties in virtue of this private agreement were made in my presence."* Dan il-ftehim jghid ukoll li "*The parties hereby declare and confirm that the evidence exhibited today by the Union was retained*

---

[3] **DOK MUBE1**

[4] Ara ittra biex tinizjala l-proceduri datata s-17 ta' Ottubru 2013 - **DOK BOV6.**

*by the Union and that following the exhibition of the said evidence, no evidence as passed on to the Union by the Bank."*

F'ebda hin ma jirrizulta li n-Nutar kienet giet inkarigata bhala '*independent verifier*' biex dan l-ezercizzju jsir taht ir-responsabbilta` taghha. Agixxiet semplicement xhud tal-fatt li l-partijiet ghal dak il-ftehim privat raw "prova" tal-allegat maggoranza, liema accertament proprju huwa l-pern tad-disgwid kollu li jinsab pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali. F'dan id-dokument il-Bank jiddikjara li "*In virtue of the evidence exhibited by the Union (GWU) the Bank has concluded that when adding the amount of Members of the Union who pay their fees directly to the Union to the amount of Members of the Union who pay their fees through the Bank 'check off' system, this results in the Union having to date (20th December 2013) an absolute majority in the 'Managerial and Clerical Categories."*

F'dan l-ezercizzju kollu n-Nutar agixxiet biss bhala xhud ta' dak li sehh quddiemha senjatament li gew murija dokumenti lill-Bank u li dan accettahom '*at face value'.*

Jirrizulta li minhabba dan il-ftehim privat mal-GWU, il-Bank irtira l-proceduri li kien istitwixxa quddiem it-Tribunal Industrijali.

Ikkonsidrat li hu manifest li l-MUBE ma nghatat l-ebda preavviz li l-Bank kien ser jipprocedi ghall-verifika unilaterali ad eskluzjoni tal-istess union minkejja li l-kaz kien ghadu pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali. Minflok ma stenna l-ezitu ta' proceduri indipendenti u imparzjali, il-Bank iddecieda li jghaddi ghall-azzjoni unilaterali u xejn imparzjali li wasslet sabiex svestiet lill-MUBE mir-rapprezentanza taghha tal-haddiema klerikali u manigerjali tal-Bank. Sa dak iz-zmien, l-MUBE kienet il-union rikonoxxuta bhala r-rapprezentant tal-maggoranza tal-haddiema. Gustament jghid id-difensur tal-Union rikorrenti, li l-Bank unilateralment biddel l-*istatus quo.*

Il-Qorti ssib li l-Union rikorrenti pprovat li ghandha jedd *prima facie* biex titlob il-hrug tal-mandat odjern peress li ghandha l-jedd li titlob li jigu mharsa d-drittijiet taghha sakemm isiru l-accertamenti indipendenti tal-istat ta' shubija u dan fl-interess tal-membri taghha.

Din il-Qorti hi konvinta li meta jsiru proceduri ta' verifika ta' shubija f'Unions ghandu jigi mhares il-principju tal-liberta' ta' assocjazzjoni b'mod li jigi accertat li l-haddiema huma rapprezentati mill-Union li huma jiddelegaw volontarjament ghal dan l-iskop.

Hu principju bazilari li Union m'ghandhiex tigi svestita mid-drittijiet taghha b' mod legger u hlief ghar-ragunijiet serjissimi, aktar u aktar meta tali drittijiet huma ntizi sabiex jiddefendu d-drittijiet tal-membri taghha. Dawn id-drittijiet huma essenzjali ghall-progress tad-drittijiet tal-haddiema f' dan il-pajjiz demokratiku u indipendenti.

Sabiex dan isir, il-process ta' verifikazzjoni ghandu jigi espletat b'mod indipendenti u trasparenti ghall-Unions kollha kkoncernati, sabiex jigi zgurat li m'hu qed isir l-ebda intimidazzjoni da parti ta' Union jew iehor fuq il-haddiema. Is-sistema adoperata mill-Bank ma jaghtix tali konfort almenu fuq bazi *prima facie. Inoltre* dan il-metodu ma jiehux in konsiderazzjoni l-impatt ta' *double membership* ghall-fini tar-rikonoxximent ahhari tal-Union wahdieni.

Ukoll, il-Qorti tqis li l-Union rikorrenti pprovat li tista' ssofri pregudizzju irrimedjabbli jekk it-talba taghha ma tintlaqax. Dan il-pregudizzju jikkonsisti fil-fatt li kondizzjonijiet tal-impiegi godda ser jigu negozjati u accettati minn Union ohra meta ghadu mhux accertat b'mod indipendenti u trasparenti liema Union ghandha l-maggoranza assoluta. Ftehim simili jista' jinvolvi hatriet jew *promotions* fi hdan il-Bank intimat u tibdiliet ohra. Dan johloq bidla irrimedjabbli ghall-*istatus quo,* konsistenti fil-fatt kompjut ta' Ftehim gdid, kif ukoll incertezza inaccettabbli ghall-haddiema ikkoncernati dwar l-effetti tal-Ftehim.

## <u>V. KONKLUZJONI.</u>

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mill-Union rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk filwaqt li **tichad** ir-risposta tal-Bank intimat, **tilqa' t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-Bank intimat.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------